MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2008

Talba Numru. 305/2008

**Charles Grech & Co. Ltd (C 2473)**

**Vs**

**Joseph Grima f'ismu proprio u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza ta' Southern Suppliers Co. Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin Euro u disgha u sittin centezmi (€471.69), mitejn u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm202.50), rapprezentanti somma ta' bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija lil mibjugha u kkonsenjata.

Illi l-konvenut proprio et nomine gie debitament interpellat ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mit-23 ta' Mejju, 2006 kontra l-konvenut proprio et nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuti ihallsu s-somma ta' erba' mija u wiehed u sebghin Euro u disgha u sittin centezmi (€471.69), mitejn u zewg liri Maltin u hamsin centezmu (Lm202.50) bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------